MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## JOSEPH BONNICI

Seduta ta' l-10 ta' Jannar, 2005

Talba Numru. 1903/2002

**Philip Ellul**

**Vs**

**Peter Galea**

It-Tribunal,

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-8 ta' Awissu 2002 fejn l-attur talab sabiex il-konvenut ihallas is-somma ta' Lm105 (mija u hames liri Maltin) rapprezentanti ta' danni li l-attur soffra fil-vettura tieghu.

Fl-Avviz tat-talba intqal li:-
L-attur qed jitlob li l-konvenut jigi kundannat ihallsu s-somma ta' mija u hames liri maltija (Lm105) bhala danni li huwa sofra fil-karozza tieghu Toyota b'kagun ta' ostakoli (pajijiet u konkos) li l-konvenut wahhal illegalment fit-triq pubblika.

Bl-ispejjez komprizi dawk ta' l-ittra interpellatorja tad-29 ta' Jannar 2002 kontra l-konvenut minn issa ingunt biex jidher personalment ghas-subizzjoni.

Ra r-risposta fejn inghad:-

1. Illi t-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt peress illi l-attur huwa unikament responsabbli ghall-incident de quo stante negligenza da parti tieghu.
2. Bla pregudizzju l-ammont pretizi mill-attur huwa esagerat.
3. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Ra s-Sentenza preliminari tal-Onorabbli Qorti tal-Appell datata 14 ta' Jannar 2004.

Sema x-xhieda u ezamina d-dokumenti

Ikkonsidera

Illi jirrizulta lampanti l-minimu ta' provi li seta' jigi provdut bhala fatti, mhux kontestat li twahhalu bollards, min fejn gew, min ipprovdihom, jekk hux bil-permess tal-awtoritajiet kompetenti, dana ma jirrizulta minn mkien.

Li mhux kontestat huwa li l-bollards twahhlu mill-konvenut u li lill-attur gratlu l-hsara bihom. Segwentement ghal dan l-incident, inqalghu u gew sostitwiti b'ohrajn provenjenti mill-Kunsill Lokali.(side xhieda attur-11 ta' Mejju 2004 u ta' Marie Louise Galea – 9 ta' Novembru 2004).

Il-konvenut holoq ingombru meritu ghal skopijiet tieghu minghajr ma konsulta ruhu ma hadd kif suppost kellhom isiru. Installa bollards b'mod permanenti fi Triq pubblika miftuha ghall-utenti li kellhom kull dritt li sabiex jinqeda hu, ma jikkostitwixix perikolu ghat-terzi. Di fatti tant kien hekk li gew mibdula b' bollards ufficjali.

Illi dwar id-danni l-attur ezebixxa fil-11 ta' Mejju 2004 ricevuta ghal Lm 105 bhala panel beating u spray, li ma giex kontestata ghalhekk qed jigi accettat.

Jiddeciedi billi filwaqt li jichad l-eccezzjonijiet tal-konvenut jilqa'' it-talbiet attrici ghas-somma ta Lm 105 u jikkundannah ihallas l-istess somma lill-attur bl-ispejjes u nteressi kif mitluba

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------